# Kelmtejn qabel



X'għandna, ħbieb?

Jien Wiggles, il-pappagall ta' Mastru Gerfex. Naħseb li ma kontux tafu li Mastru Gerfex għandu pappagall, hux hekk?

Imma ma nagħtikomx tort għax l-awtur ma jsemmini f'ebda storja li kiteb dwar Mastru Gerfex. Imma lanqas hu m'għandu tort. Ma jsemminix għax m'ilix wisq għand ix-xwejjaħ … xi tliet xhur biss. Kien xtrani minn *pet-shop* il-Ħamrun u tgħidx kemm hu ferħan bija, għax kultant inżerżaqlu xi kelma bil-Malti u jaħseb li qiegħed jgħallimni nitkellem hu. Imma, bejnietna, jien ili naf nitkellem bħalkom għax, kemm kont ili fil-*pet-shop*, b'dawk in-nies kollha deħlin u ħerġin, u kulħadd ipaċpaċ u jgħid, ma domtx wisq ma qbadt nitkellem sew bil-Malti.

Mastru Gerfex semmieni Wiggles għax qal li meta nimxi nżegleg il-warrani, b'denbi b'kollox, min-naħa għall-oħra. Għall-ewwel ħadt ftit għalija għax dan l-isem ħassejtu iżjed qisu laqam, imma llum drajtu u sar jogħġobni.

Għal dan il-ktieb l-awtur talabni nikteb id-daħla jien. Stramba hux li daħla ta' ktieb jiktibha pappagall. Imma dan il-ktieb fih stramberiji oħra, tafux! Ngħidu aħna, f'dan il-ktieb l-awtur se jġib flimkien żewġ karattri magħrufin li s'issa qatt ma kienu ltaqgħu. Dawn huma Mastru Gerfex u Betta Trombetta. Issa naraw kif se jmorru flimkien!

Barra minn hekk, jien m'iniex se nikteb biss id-daħla. Billi dan il-ktieb se jittratta l-internet, u mal-internet jidħlu ħafna kliem u termini xi ftit tqal, l-awtur talabni biex, meta tissemma xi kelma minn dawn, jien inkun pront infissirha biex intom il-qarrejja tifhmu aħjar. Mhix biċċa xogħol ħafifa, tassew, imma l-awtur fdaha f'idejja għax, bejnietna, Mastru Gerfex ma jifhem xejn fl-internet, u lanqas Betta mhi xi espert f'dan is-suġġett.

Imma naħseb li aħjar nieqaf hawn għax inkella se noħdilkom raskom bil-paroli tiegħi. Nawguralkom li tieħdu gost taqraw l-istorja u ssibuha interessanti. Nawguralkom ukoll li, minn dak li se ngħidilkom jien, titgħallmu xi ħaġa dwar l-internet li ma kontux tafuha qabel.

Narakom … u terġgħu tarawni,

Wiggles

# 1. Lotterija

Meta ġew biex ikabbru l-każin tal-banda ta' Ħal Busbies, is-Sur Ġilard, is-Segretarju tal-każin, ħareġ bl-idea li jniedu lotterija. Il-biljetti kellhom jinbiegħu ħames ewro l-wieħed u l-premjijiet kellhom ikunu magna tal-ħasil, *cooker* tal-gass u vaganza għal tnejn fuq il-muntanji Dolomiti, l-Italja ta' fuq.

Wara ħafna diskussjoni bejn il-membri tal-kumitat, il-proposta tas-Segretarju ntlaqgħet. Biex iħajjar lis-soċji tal-każin ibigħu aktar biljetti, is-Segretarju xtara arloġġ sabiħ minn dawk li jiddendlu mal-ħajt u wiegħed li jagħtih lil min minnhom ibigħ l-iktar. Ġabu l-permess tal-Lottu Pubbliku, stampaw il-biljetti u s-soċji tal-każin bdew ibigħuhom mar-raħal kollu — fid-djar, fil-ħwienet tax-xorb, fuq il-postijiet tax-xogħol,

fuq iz-zuntier tal-knisja, fost in-nies tas-suq u kull fejn seta' wieħed jiltaqa' man-nies. Mastru Gerfex, bħala soċju anzjan tal-każin, ukoll biegħ ħafna biljetti, u ma setax jonqos li jixtru wieħed bi sħab hu u martu Lugrezja. Iżda ż-żewġ anzjani ma kellhom ebda tama li jirbħu. Kienu jsostnu li huma xortihom ħażina għax qatt ma rebħu xejn. Għalhekk iktar fehmu li kienu qegħdin jagħtu donazzjoni ta' ħames ewro biex jgħinu lill-każin milli jixtru biljett fil-lotterija.

Il-biljetti kienu xi ftit għoljin, tassew, imma l-premjijiet kienu kbar. Għalhekk il-biljetti nbiegħu u t-Teżorier tal-każin daħħal kemxa flus ġmielha. Fil-jum avżat il-lotterija ttellgħet. U x-xorti riedet li, fejn qatt ma rebħu xejn, dik id-darba jirbħu l-ewwel premju Mastru Gerfex u martu Lugrezja. Imma la hu u lanqas hi ma kellhom ebda ħajra li jmorru d-Dolomiti! "Aħjar irbaħna l-magna tal-ħasil," ilmentat Lugrezja, "għax dik li għandna ħarġilha s-sadid u waslet biex tinbidel."

"Tikkonfondi xejn, bambinella tiegħi," qalilha żewġha, "meta jkun il-waqt nixtru l-magna tal-ħasil li għandna bżonn. Imma ż-żewġ biljetti tal-ajru m'aħniex se naħluhom. La m'aħniex se

mmorru d-Dolomiti aħna, tmur Maryanne tagħna u żewġha Robert."

Dik il-lejla x-xwejjaħ mar iżur lil bintu Maryanne u 'l żewġha Robert. It-tfal kienu qegħdin jaraw it-televixin u seta' jkellem lill-kbar waħidhom. Qalilhom bil-vaganza ta' tmint ijiem id-Dolomiti. Fissrilhom kif hu u martu kienu rebħu l-ewwel premju tal-lotterija b'risq il-każin, imma ma kellhom ebda ħajra jmorru d-Dolomiti. "Għalhekk qegħdin noffru l-biljetti tas-safra lilkom. Xi tgħidu?" ikkonkluda x-xwejjaħ.

"Jien ma ngħidx le, kieku," daħaq Robert, "għax għandi bżonn vaganza daqs il-ħobż li niekol."

Imma martu Maryanne ma wrietx l-entużjażmu li wera hu. "Immorru aħna u nħallu t-tfal warajna?" weriet fehmitha. "Aħna ma tantx sifirna, imma meta sifirna dejjem ħadna t-tfal magħna."

"It-tfal jiġu joqogħdu ġimgħa magħna, Maryanne," qalilha x-xwejjaħ. "Id-dar kbira u tesagħhom fil-wisa'. Mhumiex se jiddejqu magħna, taf! Issa tara kif la ngħidulhom se jieħdu gost."

"Naf li għandkom ma jiddejqux, pa, u naf li intom tħobbuhom u tieħdu ħsiebhom. Imma ma

nħossx li nkunu qed nagħmlu sewwa jekk aħna mmorru niddevertu u nħallu t-tfal warajna."

"Intom se tmorru l-aktar biex tistrieħu, Maryanne," merieha x-xwejjaħ, "u ibqa' ċerta li, jekk intom se tieħdu gost id-Dolomiti, it-tfal se jieħdu gost ukoll jgħaddu ġimgħa magħna."

"Ma nafx jien," qalet Maryanne bejn ħaltejn. "Int xi tgħid, Robert?" daret imbagħad fuq żewġha.

"Jien naqbel ma' li qed jgħidlek il-papà tiegħek," weġibha Robert. "Aħna se nħalluhom f'idejn tajba u, fuq kollox, issa m'għadhomx tfal żgħar li mingħajr il-*mummy* ma jgħaddux … Ara, ejja nistaqsu lilhom."

U bla ma stenna x'se tgħid martu, Robert sejjaħ liż-żewġ uliedu. "Ivan! Yvette! Ejjew ftit ħdejna ħalli nkellimkom."

Ivan u Yvette kienu tewmin ta' ħdax-il sena, bil-għaqal u, għalkemm kultant jagħmlu xi waħda minn tagħhom, ġeneralment jobdu. Lin-nannu Doru u n-nanna Lugrezja kienu jħobbuhom ħafna, u ż-żewġ anzjani, min-naħa tagħhom, kienu jgħożżu lit-tewmin daqs il-mimmi t'għajnejhom.

Malli resqu ħdejn il-kbar missierhom qalilhom fil-qosor x'kienet l-affari, u meta semgħu li n-nannu Doru kien se joħodhom għandu għal tmint ijiem sħaħ tgħidx kemm ferħu. Yvette, saħansitra, resqet fuq ix-xwejjaħ, għannqitu u bisitu!

"Morru, mamà, morru u ħudu gost," qal Ivan lil ommu. It-tifel kien xi ftit iktar tal-ħsieb minn oħtu, u iktar jaf ipoġġi l-kliem. "Għalina tkkonfondi xejn," kompla jgħid lil ommu. "Aħna nieħdu gost ngħaddu ġimgħa vaganza man-nannu Doru u n-nanna Lugrezja."

Fuq l-imġiba ta' Yvette u l-kliem ta' Ivan, Maryanne ma baqgħetx iżjed topponi, u Mastru Gerfex seta' jmur lejn daru u jgħid lil Lugrezja li l-biljetti tas-safra ma kinux se jinħlew.

L-attitudni ta' Maryanne dwar il-vaganza fid-Dolomiti issa tbiddlet mil-lejl għan-nhar. Hi wkoll bdiet teċita ruħha dwar il-mawra tagħha u ta' żewġha f'dan il-post sabiħ. Bdiet tagħmel bosta mistoqsijiet lil żewġha biex issir taf iktar dwar dan il-post tant imfittex mit-turisti. Imma Robert ma kienx jaf iwieġeb għall-mistoqsijiet kollha tagħha u, ta' raġel prattiku li hu, qalilha, "Ara,

ejja nfittxu dan il-post fuq l-**internet** u żgur insibu dak kollu li nixtiequ nafu dwaru." U mal-ħaġra t-tajn mar xegħel il-kompjuter.



**Internet**

Din hija sistema ta' komunikazzjoni bil-kompjuter mifruxa mad-dinja kollha. Din is-sistema toffri tagħrif fuq kull suġġett kif ukoll kwantità kbira ta' servizzi bħal mużika, films, logħob, *chatting* u korrispondenza permezz tal-*emails* (posta elettronika) sew fl-istess pajjiż kif ukoll minn pajjiż għal ieħor.

• • •

Dik il-lejla stess Mastru Gerfex qabeż sal-każin biex ikellem lis-Segretarju. Qallu li l-premju li kienu rebħu hu u martu kienu se jċeduh lil bintu Maryanne u 'l żewġha Robert. U s-Sur Ġilard wiegħdu li kien se jagħmel l-arranġamenti kollha li kien hemm bżonn biex jiġri kif xtaq hu.

Wara t-tlugħ tal-lotterija kien jonqos li jingħata l-arloġġ imwiegħed mis-Segretarju. Dan ġara jumejn wara, meta l-biċċa l-kbira tas-soċji kienu miġbura fil-bar tal-każin. Skont ir-*records* li s-Segretarju kien żamm bir-reqqa, dak li biegħ l-iktar biljetti kien Mastru Gerfex! Għalhekk